



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 14 ta' Marzu 2008 (14.03)
(OR.en)**

7652/08

CONCL 1

NOTA TA' TIFSIR

minn: Presidenza

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: **KUNSILL EWROPEW TA' BRUSSELL
13/14 TA' MARZU 2008**

KONKLUŻJONIJIET TAL-PRESIDENZA

Id-delegazzjonijiet isibu meħmużin il-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell (13/14 ta' Marzu 2008).

Il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew kienet preċeduta minn preżentazzjoni mill-President tal-Parlament Ewropew, is-Sur Hans-Gert Pötering, segwita bi skambju ta' fehmiet.

o
o o

1. Il-prinċipji fundamentali ta' l-ekonomija ta' l-Unjoni Ewropea għadhom sodi: id-defiċits pubbliċi tnaqqsu b'aktar min-nofs mill-2005 'l hawn u d-dejn pubbliku naqas ukoll għal ftit inqas minn 60 %. It-tkabbir ekonomiku laħaq it-2,9 % fl-2007, iżda x'aktarx li jkun aktar baxx din is-sena. Fl-aħħar sentejn inħolqu sitt miljun u nofs impjieg. Għalkemm fatturi ċikliċi kellhom rwol, dawn l-iżviluppi ġew mgħejjunin mir-riformi strutturali mwettqin matul l-aħħar snin fil-qafas ta' l-Istrateġija ta' Lisbona u l-effetti ta' benefiċċju ta' l-Euro u tas-suq uniku.
2. Madankollu, il-perspettiva ekonomika globali reċentement iddeterjorat b'riżultat ta' rallentament ta' l-attività ekonomika fl-Istati Uniti, prezzijiet ogħla taż-żejt u tal-komoditajiet, u turbulenza kontinwa fis-swieq finanzjarji. Il-volatilità eċċessiva u ċ-ċaqliq diżordinat fir-rati tal-kambju huma inopportuni għat-tkabbir ekonomiku. Fiċ-ċirkostanzi preżenti aħna ninsabu mħassbin dwar iċ-ċaqliq eċċessiv fir-rati tal-kambju. Għal din ir-raġuni, huwa għalhekk ferm aktar essenzjali li l-Unjoni tevita l-kompjaċenza u tkompli bl-isforzi ta' riforma permezz ta' l-implimentazzjoni sħiħa tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma u l-Linji Gwida Integrati għat-Tkabbir u l-Impjiegi. L-isforzi biex jiġi kkompletat u approfondit is-suq intern għandhom ikomplu. Il-linji ta' politika ekonomiċi u finanzjarji koordinati mill-qrib għandhom ikunu mmirati lejn l-iżgurar ta' l-istabbiltà makro-ekonomika, l-użu ta' l-opportunitajiet li toffri l-globalizzazzjoni u l-indirizzar ta' l-isfidi tal-futur inkluż il-popolazzjonijiet li qed jixjieħu, il-bidla fil-klima u l-enerġija. Sabiex tkun żgurata stabbiltà akbar tas-swieq finanzjarji hija meħtieġa wkoll azzjoni biex jissaħħu t-trasparenza u l-funzjonament tagħhom u biex jittejjeb aktar l-ambjent superviżorju u regolatorju fuq livell nazzjonali, ta' UE u globali.
3. Il-Kunsill Ewropew jinnota li ż-żidiet sinifikanti reċenti fil-prezzijiet ta' l-ikel u ta' l-enerġija ikkontribwew għall-pressjonijiet inflazzjonarji. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew ifakkar il-ħtieġa li jiġu evitati linji ta' politika li joħolqu distorzjoni li jipprevjenu l-aġġustamenti meħtieġa mill-aġenti ekonomiċi. Hu jistieden lill-Kunsill biex jidentifika l-forzi ta' tmexxija wara l-iżviluppi tal-prezzijiet tal-komoditajiet u ta' l-ikel u jsegwi l-linji ta' politika ta' l-UE u nazzjonali li jneħħu l-limitazzjonijiet possibbli tal-provvista.

TNEDIJA TAĊ-ĊIKLU L-ĠDID TA' L-ISTRATEĠIJA TA' LISBONA MĠEDDA
GĦAT-TKABBIR U L-IMPJIEGI (2008-2010)

4. B'segwitu għar-Rapport Strateġiku tal-Kummissjoni u fid-dawl tal-ħidma fil-formazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kunsill Ewropew iniedi t-tieni ċiklu ta' tliet snin ta' l-Istrateġija billi
 - jikkonferma li l-Linji Gwida Integrati attwali (BEPGs u l-Linji Gwida dwar l-Impjiegi) għadhom validi u għandhom iservu għall-perijodu 2008-2010. Il-Kunsill (ECOFIN u EPSCO) huwa mistieden biex formalment jadotta l-Linji Gwida Integrati skond it-Trattat;
 - jendorsja r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż għal-linji ta' politika ekonomiċi u għal dawk dwar l-impjiegi ta' l-Istati Membri u taż-żona ta' l-Euro kif imfasslin mill-Kunsill abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni. Il-Kunsill huwa mistieden biex jadottahom formalment. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu azzjonijiet dettaljati u konkreti li jindirizzaw ir-rispons ta' politika speċifika tagħhom għal-Linji Gwida Integrati, rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż u "punti ta' sorveljanza" fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom u r-rapporti ta' implimentazzjoni annwali sussegwenti. Il-Kummissjoni hija mistiedna tkompli taħdem ma' l-Istati Membri biex tiżviluppa aktar metodoloġija ċara u trasparenti għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tar-riformi ta' Lisbona;
 - b'kont meħud tal-prijoritajiet identifikati mill-Kunsill u l-azzjonijiet konkreti mniżżlin hawn taħt, jistieden lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, fl-isferi ta' kompetenza tagħhom, javvanzaw bil-ħidma fir-rigward ta' l-għaxar objettivi identifikati fil-Programm ta' Lisbona tal-Komunità, li jipprovdi aġenda għal riforma strateġika għall-parti Komunitarja ta' l-Istrateġija ta' Lisbona mġedda; il-progress għandu jkun iġvalutat kull sena.
5. Il-fokus taċ-ċiklu l-ġdid ser ikun fuq l-implimentazzjoni. Il-Kunsill Ewropew għalhekk:
 - jikkonferma mill-ġdid l-erba' oqsma ta' prijarità miftiehma fil-laqgħa tiegħu tar-Rebbiegħa 2006 bħala l-bażijiet ċentrali ta' l-Istrateġija ta' Lisbona mġedda u fl-istess ħin jappella biex is-sinerġiji bejniethom ikunu sfruttati aktar;

- jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fil-kuntest tas-sorveljanza multilaterali biex iżidu l-iskambju ta' l-aħjar prattika, b'mod partikolari billi jagħmlu użu sħiħ mill-metodi eżistenti ta' koordinazzjoni miftuħa, minħabba li l-koordinazzjoni effiċjenti fiż-żona ta' l-euro hija ta' importanza partikolari;
- jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex isaħħu l-involvement tal-partijiet interessati rilevanti fil-proċess ta' Lisbona;
- jirrikonoxxi r-rwol tal-livell lokali u dak reġjonali biex ikun hemm tkabbir u impjiegi; appartenenza akbar ta' l-aġenda ta' tkabbir u impjiegi fil-livelli kollha tal-gvern twassal għal tfassil aktar koerenti u effettiv tal-politika;
- jenfasizza li l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali jikkontribwixxu wkoll biex jintlaħqu l-oġettivi ta' l-Istrateġija ta' Lisbona mġedda u jilqa' l-progress li sar fl-immirar tal-fondi ta' koeżjoni b'appoġġ għall-programmi nazzjonali ta' riforma u l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida Integrati. Issa li l-fażi ta' pprogrammar intemmet, il-Kunsill Ewropew jappella lill-Istati Membri biex jiżguraw li n-nefqa tirrifletti l-impenji ta' l-allokazzjonijiet magħmulin;
- jissottolinja l-importanza ta' l-istabbiltà makro-ekonomika fl-indirizzar ta' l-isfidi għall-perijodu aktar fit-tul tal-futur. Il-qafas baġitarju ta' l-UE, kif definit mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir rivedut, jipprovdi l-ġhodod adatti f'dan ir-rigward. It-titjib fis-sitwazzjoni ġenerali baġitarja fl-UE jipprovdi l-ispazju meħtieġ biex l-istabbilizzaturi awtomatiċi jwettqu manuvri jekk ir-riskji ta' ċaqliq 'l isfel jimmaterjalizzaw. Il-pajjiżi li laħqu l-oġettiv tagħhom għall-perijodu medju għandhom iżommu l-pożizzjoni strutturali tagħhom u l-pajjiżi kollha li għandhom ma waslux għall-oġettivi tagħhom għall-perijodu medju għandhom jgħaġġlu l-pass tat-tnaqqis tad-defiċit u tad-dejn, f'konformità ma' l-opinjonijiet tal-Kunsill dwar il-programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza, u jallokaw dħul possibbli ogħla milli mistenni għal dan l-oġettiv. Il-kwalità tal-finanzi pubbliċi jeħtieġ li tittejjeb billi jiżdiedu l-effiċjenza u l-effettività ta' l-infiq u d-dħul pubbliku, inklużi l-isforzi kontinwati biex tiġi miġġielda l-evaljazzjoni transkonfini tat-taxxa, bl-immodernizzar ta' l-amministrazzjoni pubblika u billi jkunu ffavoriti miżuri fil-baġits pubbliċi li jippromwovu l-produttività, l-impjiegi u l-innovazzjoni;

- jerġa' jikkonferma l-importanza tad-dimensjoni soċjali ta' l-UE bħala parti integrali ta' l-Istrateġija ta' Lisbona u b'mod partikolari jisħaq dwar il-hteġa li l-linji ta' politika ekonomiċi, dwar l-impjiegi u soċjali jiġu integrati aktar;
- jaqbel dwar l-azzjonijiet konkreti mniżżlin hawn taħt. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jendorjsa l-messaġġi ewlenin mill-Kunsill fil-formazzjonijiet ECOFIN, Kompetittività, EPSCO, Ambjent u Edukazzjoni u Żgħażaġħ tiegħu, kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Analiżi tas-Suq Uniku.

6. Il-Kunsill Ewropew barra minn hekk jenfasizza li wara l-2010 ser ikun meħtieġ impenn kontinwat fil-livell ta' l-UE għal riformi strutturali u żvilupp sostenibbli u koeżjoni soċjali sabiex jinżamm il-progress miksub mill-Istrateġija ta' Lisbona mġedda għat-tkabbir u l-impjiegi. Il-Kunsill Ewropew għalhekk jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-koordinaturi Nazzjonali ta' Lisbona biex jibdew jirriflettu dwar il-futur ta' l-istrateġija ta' Lisbona fil-perijodu ta' wara l-2010.

Investiment fl-għarfien u fl-innovazzjoni

7. Fattur ewlieni għat-tkabbir fil-futur huwa l-iżvilupp sħiħ tal-potenzjal għall-innovazzjoni u l-kreattività taċ-ċittadini Ewropej mibni fuq il-kultura Ewropea u l-eċċellenza Ewropea fix-xjenza. Mit-tneġġja mill-ġdid ta' l-Istrateġija ta' Lisbona fl-2005, sforzi konġunti wasslu għal kisbiet sinifikanti fl-oqsma tar-riċerka, ta' l-għarfien u ta' l-innovazzjoni. L-implimentazzjoni ta' l-istrateġija għall-innovazzjoni b'bażi wiesgħa hija ċentrali għar-realizzazzjoni ta' l-ambizzjonijiet ta' l-UE fil-qasam. Il-prijoritajiet kollha ta' l-istrateġija jeħtieġ li jitmexxew rapidament 'il quddiem. Fl-istess ħin, għandhom isiru aktar sforzi, inkluż fis-settur privat, bil-ħsieb ta' aktar investiment, u ta' investiment b'mod aktar effettiv, fir-riċerka, il-kreattività, l-innovazzjoni u l-edukazzjoni oġġla u l-kisba tal-mira ta' investiment ta' 3 % fir-R&Ż. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-azzjonijiet li ġejjin li fir-rigward tagħhom l-Istati Membri u l-Komunità huma mħeġġin jagħmlu progress rapidu:
- l-Istati Membri huma mistednin jistabbilixxu fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom kif ser jinkiseb il-progress lejn il-miri nazzjonali ta' l-investiment fir-R&Ż nazzjonali u kif l-istrateġiji tar-R&Ż tagħhom ser jikkontribwixxu għar-realizzazzjoni u l-governanza aħjar taż-Żona Ewropea ta' Riċerka;

- proġetti ċentrali, bħal GALILEO, EIT, il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka, il-Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskju, l-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti għandhom ikunu implimentati rapidament jew promossi aktar; id-deċiżjonijiet dwar l-inizjattivi ta' l-Artikolu 169 u inizjattivi ta' riċerka addizzjonali għandhom jittieħdu kemm jista' jkun malajr;
- l-infrastruttura elettronika xjentifika u l-użu ta' l-internet b'veloċità għolja għandhom jiżdiedu b'mod sinifikattiv. L-Istati Membri għandhom jimmiraw li jagħmlu l-internet b'veloċità għolja disponibbli għall-iskejjel kollha sa l-2010 u li jistabbilixxu miri nazzjonali ambizzjużi għal aċċess mid-djar bħala parti mill-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom;
- għandu jkun promoss suq mifruż ma' l-UE kollha għall-kapital ta' riskju għall-aktar kumpanniji innovattivi; f'dak ir-rigward il-Fond Ewropew ta' l-Investiment għandu jkollu rwol ċentrali fil-ffinanzjament ta' SMEs innovattivi;
- l-isforzi lejn it-titjib tal-kondizzjonijiet qafas għall-innovazzjoni għandhom ikunu koordinati aħjar, inkluż permezz ta' konnessjonijiet imtejbin bejn ix-xjenza u l-industrija u clusters ta' l-innovazzjoni ta' klassi mondjali u l-iżvilupp ta' clusters u networks reġjonali;
- għandha tingħata attenzjoni partikolari lil aktar inizjattivi għall-programmazzjoni konġunta tar-riċerka, l-istrateġiji ta' kooperazzjoni internazzjonali fix-Xjenza u t-Teknoloġija (S&T) komplimentari b'mod konġunt u t-tisħiħ ta' l-infrastrutturi ta' riċerka ta' interess pan-Ewropew;
- l-universitajiet għandhom jiġu permessi jiżviluppaw sħubiji mal-komunità tan-negozju sabiex jibbenefikaw minn finanzjament tas-settur privat komplimentari.

8. Sabiex issir ekonomija verament moderna u kompetittiva, u bi tkompli fuq il-ħidma mwettqa fir-rigward tal-futur tax-xjenza u t-teknoloġija u fir-rigward ta' l-immodernizzar ta' l-universitajiet, l-Istati Membri u l-UE għandhom ineħħu l-ostakoli għall-moviment liberu ta' l-għarfien billi jgħolqu **"il-ħames libertà"** bbażata fuq:

- it-tisħiħ tal-mobbiltà transkonfini tar-riċerkaturi, kif ukoll ta' l-istudenti, ix-xjenzati, u l-persunal li jgħalliem fl-universitajiet,
- li s-suq tax-xogħol għar-riċerkaturi Ewropej isir aktar miftuħ u kompetittiv, bil-proviżjoni ta' strutturi aħjar għall-karriera, trasparenza u ambjent favorevoli għall-ħajja familjari,
- aktar implimentazzjoni tar-riformi ta' l-edukazzjoni ogħla,

- il-faċilitazzjoni u l-promozzjoni ta' l-aqwa użu tal-proprjetà intellettuali maħluqa f'organizzazzjonijiet pubbliċi tar-riċerka sabiex jiżdied it-trasferiment ta' l-għarfien għall-industrija, b'mod partikolari permezz tal-"Karta PI" li għandha tiġi adottata qabel l-aħħar tas-sena,
- l-inkoraġġiment ta' l-aċċess miftuħ għall-għarfien u ta' l-innovazzjoni miftuħa,
- it-trawwim ta' l-eċċellenza xjentifika,
- it-tnedija ta' ġenerazzjoni ġdida ta' faċilitajiet tar-riċerka ta' klassi dinjija,
- il-promozzjoni ta' rikonossiment reċiproku tal-kwalifiki.

Ir-realizzazzjoni tal-potenzjal għan-negozju, speċjalment ta' l-SMEs

9. Id-deċiżjonijiet meħudin mit-tiġdid ta' l-Istrateġija ta' Lisbona bdew itejbu l-kondizzjonijiet għall-atturi tas-suq. Sar aktar faċli li jiġi stabbilit negozju peress li l-Istati Membri kollha stabbilixxew punti ta' waqfa waħda jew arranġamenti simili biex jiffaċilitaw ir-reġistrazzjoni u jnaqqsu x-xogħol amministrattiv. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress li sar matul l-2007 fir-rigward tar-**regolamentazzjoni aħjar** u jikkunsidra li huma meħtieġa aktar sforzi sabiex ikun hemm titjib kruċjali fil-kompetittività tan-negozji ta' l-UE, b'mod partikolari l-SMEs. Ir-regolamentazzjoni aħjar għandha tkun ikkunsidrata bħala prijorità għolja minn kull formazzjoni tal-Kunsill fil-ħidma regolatorja tagħha. Sabiex ikun żgurat li l-inizjattiva għal regolamentazzjoni aħjar twassal għal benefiċċji ekonomiċi reali u sostanzjali:
- għandhom jiżdiedu l-isforzi biex sa l-2012 jitnaqqsu b'25 % l-piżijiet amministrattivi li jirriżultaw mil-leġislazzjoni ta' l-UE, f'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2007; il-ħatra ta' grupp konsultattiv ta' partijiet interessati indipendenti fil-kuntest tal-Programm ta' Azzjoni hija milqugħa; il-progress magħmul ser jiġi evalwat fil-laqgħa tar-Rebbiegħa 2009 fuq il-bażi ta' l-"Evalwazzjoni Strateġika tar-Regolamentazzjoni Aħjar" tal-Kummissjoni;
 - għandhom jiġu adottati b'mod rapidu l-proposti leġislattivi "fast track" pendenti u għandhom jiġu identifikati oħrajn ġodda, u l-Kummissjoni għandha tkompli wkoll tressaq proposti għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv fuq bażi kontinwa; il-programm evoluttiv tas-simplifikazzjoni għandu jkompli jiġi implimentat;
 - għandu jsir aktar biex tiġi żviluppata l-kapaċità ta' l-istituzzjonijiet ta' l-UE fir-rigward tal-valutazzjoni ta' l-impatt, f'konformità mal-messaġġ prinċipali rilevanti mill-Kunsill (Kompetittività).

10. **Is-Suq Uniku** għadu mezz kruċjali għat-titjib ta' l-istandards ta' għixien taċ-ċittadini Ewropej u tal-kompetittività ta' l-Ewropa fl-ekonomija globalizzata. Sabiex jitjieb aktar il-funzjonament tas-Suq Uniku sabiex in-negozji, b'mod partikolari l-SMEs, u l-konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu użu sħiħ mill-potenzjal tiegħu, il-miżuri u l-azzjonijiet li ġejjin jeħtieġ li jiġu avvanzati bħala prijoritajiet immedjati:
- l-iżgurar ta' segwitu effettiv għall-Analiżi tas-Suq Uniku tal-Kummissjoni fuq bażi annwali b'attenzjoni fuq l-azzjonijiet meħtieġa biex tingħata spinta lit-tkabbir u l-impjiegi billi jitneħħew l-ostakoli għall-erba' libertajiet tat-trattat, inkluż, fejn ikun xieraq, permezz ta' l-armonizzazzjoni kif ukoll tar-rikonossiment reċiproku. F'dan il-kuntest l-iżviluppi tas-suq għandhom ikunu mmonitorati sabiex tingħata prijorità lill-azzjoni fi swieq fejn hemm ostakoli ġenwini u sinifikanti għall-funzjonament tas-suq u l-kompetizzjoni. Għandha tingħata attenzjoni meħtieġa lid-dimensjoni soċjali u lis-servizzi ta' interess ġenerali;
 - ir-rinforz ta' l-isforzi biex tissaħħaħ il-kompetizzjoni fl-industriji ta' netwerk (l-enerġija, il-komunikazzjonijiet elettroniċi) u biex ikunu adottati l-oqfsa regolatorji adegwati; f'dan il-kuntest il-ħidma fir-rigward ta' l-interkonnnessjonijiet għandha titkompla u tkun aċċelerata;
 - l-iżgurar tat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni kompleti, koerenti u f'waqthom tad-Direttiva dwar is-Servizzi li hija pass importanti lejn il-ħolqien ta' suq uniku ġenwin għas-servizzi. F'dan il-kuntest huwa kruċjali li jitjieb il-funzjonament tas-"Suq Uniku Elettroniku" permezz tal-ħolqien ta' soluzzjonijiet interoperabbli transkonfini għall-iffirmar elettroniku l-awtentikazzjoni elektronika (awtentikazzjoni-e).
11. **L-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju** (SMEs) jiffurmaw is-sinsla ta' l-ekonomija Ewropea u għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu b'mod sinifikattiv għall-ħolqien ta' aktar tkabbir u impjiegi fl-Unjoni Ewropea. Sabiex il-politika ta' l-Unjoni fir-rigward ta' l-SMEs tkun rinforzata u sabiex dawn ikunu jistgħu joperaw b'mod aktar effettiv fis-Suq Uniku l-azzjonijiet li ġejjin huma ta' importanza immedjata:
- l-eżami rapidu mill-Kunsill ta' l-inizjattiva tal-futur qrib għal Att dwar in-Negozji ż-Żgħar li jistabbilixxi approċċ integrat matul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' l-SMEs f'konformità mal-prinċipji ta' Regolamentazzjoni Aħjar u l-Ewwel Aħseb fiż-Żgħir, u intenzjonati biex jissaħħu aktar it-tkabbir u l-kompetittività ta' l-SMEs.
 - l-introduzzjoni, fejn din tkun ġustifikata u wara skrinjar ta' l-acquis communautaire, ta' eżenzjonijiet għall-SMEs mill-ħtiġiet amministrattivi tal-leġislazzjoni ta' l-UE;

- l-appoġġ imsaħħa ta' SMEs innovattivi u li jwettqu riċerka b'potenzjal għoli ta' tkabbir, per eżempju permezz ta' statut ġdid għall-kumpanniji privati Ewropej;
- aktar faċilitazzjoni ta' l-aċċess għall-finanzjament, inkluż permezz ta' l-istrumenti finanzjarji eżistenti ta' l-UE;
- il-faċilitazzjoni tal-parteċipazzjoni miżjuda ta' SMEs innovattivi fi gruppi u fl-akkwist pubbliku.

12. Swieq miftuħin u ambjent internazzjonali sod jikkontribwixxu għal tkabbir u impjiegi u għandhom iwasslu għal benefiċċji reċiproċi. L-UE għandha għalhekk tkompli bl-isforzi tagħha biex tfassal il-globalizzazzjoni billi tirrinforza **d-dimensjoni esterna ta' l-istrateġija ta' Lisbona mġedda**. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tirrapporta annwalment dwar l-aċċess għas-suq, filwaqt li tidentifika l-pajjiżi u s-setturi fejn għad hemm ostakoli sinifikattivi u jemmaen li l-UE għandha tkompli bl-isforzi tagħha biex:

- tippromwovi kummerċ liberu u ftuħ bħala mezz biex trawwem it-tkabbir, l-impjiegi u l-iżvilupp għaliha nnifisha u għall-imsejbin kummerċjali tagħha u tkompli tkun fuq quddiem f'dan il-qasam;
- ittejjeb is-sistema kummerċjali multilaterali, b'mod partikolari billi tkompli tistinka għal ftehim ambizzjuż, bilanċjat u komprensiv fiċ-Ċiklu ta' Doha għall-Iżvilupp;
- tikkonkludi ftehim bilaterali ambizzjużi ma' l-imsieħba importanti fil-kummerċ u tintensifika aktar l-isforzi għall-integrazzjoni ma' pajjiżi ġirien u pajjiżi kandidati permezz ta' l-iżvilupp ta' spazju ekonomiku komuni;
- tassigura aċċess affidabbli għall-enerġija u għal materjali strateġiċi mhux maħduma;
- issaħħa ir-relazzjonijiet ekonomiċi eżistenti u tiżviluppa sħubiji strateġiċi ta' benefiċċju reċiproku ma' potenzi ekonomiċi emerġenti fil-kuntest ta' kompetizzjoni ġusta;
- trawwem il-kooperazzjoni regolatorja, il-konverġenza ta' l-istandards u l-ekwivalenza tar-regoli fl-interess reċiproku ta' l-UE u s-sħab tagħha, u ttejjeb l-effettività tas-sistema ta' infurzar tad-Drittijiet ta' Proprjetà Intellettuali kontra l-falsifikazzjoni.

Investiment fin-nies u mmodernizzar tas-swieq tax-xogħol

13. L-element ta' l-edukazzjoni tat-trijangolu ta' l-għarfien "riċerka-innovazzjoni-edukazzjoni" għandu jissaħħa. Il-forniment ta' edukazzjoni ta' kwalità għolja u investiment akbar u aktar effettiv fil-kapital uman u fil-kreattività matul il-ħajja kollha tan-nies huma kondizzjonijiet kruċjali għas-suċċess ta' l-Ewropa f'dinja globalizzata. Dan jista' jqarreb u jiffaċilita l-moviment lejn "ekonomija bbażata fuq l-għarfien", joħloq aktar impjiegi u impjiegi aħjar u jikkontribwixxi għal pożizzjonijiet fiskali sodi. Dawn huma wkoll modi effettivi ta' kif jiġu miġġielda l-inugwaljanza u l-faqar u jistgħu jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-qgħad fost iż-żgħażaġh.
14. Il-Kunsill Ewropew jistenna bil-ħerqa l-proposta tal-Kummissjoni għal Aġenda Soċjali mġedda li għandu jkollha rwol ewlieni fit-tiżiż tad-dimensjoni soċjali ta' l-Istrateġija ta' Lisbona billi tiegħu kont tar-realtajiet soċjali u ta' xogħol ġodda ta' l-Ewropa u wkoll billi tkopri kwistjonijiet bħaż-żgħażaġh, l-edukazzjoni, il-migrazzjoni u d-demografija kif ukoll id-djalogu interkulturali. F'dan il-kuntest il-għlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, il-promozzjoni ta' l-inklużjoni attiva u ż-żieda fl-opportunitajiet ta' impjieg għal dawk l-aktar imbegħdin mis-suq tax-xogħol huma kollha ta' importanza prinċipali. Għal dan il-għan għandhom jintużaw l-istrumenti u l-għodod adatti kollha disponibbli fil-livell Komunitarju. Bil-ħsieb taż-żieda fin-nuqqas ta' hiliyet f'numru ta' setturi, huwa jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta valutazzjoni komprensiva tal-kompetenzi rikjesti futuri fl-Ewropa sa l-2020, b'kont meħud ta' l-impatti tal-bidla teknoloġika u l-popolazzjonijiet li qed jixxjeħu u biex tipproponi passi biex ikunu antiċipati ħtiġijiet futuri. Il-migrazzjoni ekonomika jista' jkollha rwol biex jintlaħqu l-ħtiġiet tas-suq tax-xogħol u tista' tikkontribwixxi biex tgħin biex jitnaqqsu n-nuqqasijiet ta' hiliyet. Il-Kunsill Ewropew għalhekk jikkunsidra li l-impatt fuq l-impjiegi u soċjali tal-migrazzjoni ta' ċittadini minn pajjiżi terzi jeħtieġ li jiġi indirizzat fil-kuntest tal-proposti tal-Kummissjoni għal politika komuni dwar il-migrazzjoni.

15. Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jieħdu azzjoni konkreta biex:
- inaqqsu sostanzjalment in-numru ta' żgħażaġh li ma jistgħux jaqraw sew u n-numru ta' persuni li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien, u jtejbju l-livelli tal-prestazzjoni ta' persuni li jkunu qed jirċievu taġlim bi sfond ta' migranti jew li ġejjin minn gruppi żvantaġġati;
 - jattiraw aktar adulti, partikolarment dawk bi ftit kwalifiki u ħaddiema akbar fl-età lejn l-educazzjoni u t-taħriġ u jiffaċilitaw aktar il-mobbiltà ġeografika u professjonali;
 - jippromwovu parteċipazzjoni ġenerali akbar fil-forza tax-xogħol u jittrattaw is-segmentazzjoni sabiex jiżguraw l-inklużjoni soċjali attiva;
 - itejbu l-konsistenza tal-politika u l-koordinazzjoni tal-linji politiċi ekonomiċi, soċjali u dwar l-impjiegi sabiex itejbu l-koeżjoni soċjali.
16. Il-flessigurtà ssib bilanċ bejn il-flessibbiltà u s-sigurtà fis-suq tax-xogħol u tgħin kemm lill-impjegati kif ukoll lil min iħaddem biex jaħtfu l-opportunitajiet li toffri l-globalizzazzjoni. F'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tas-sħab soċjali Ewropej ta' Ottubru 2007 u filwaqt li jirrikonoxxi li ma hemm l-ebda mudell uniku ta' flessigurtà, il-Kunsill Ewropew jappella lill-Istati Membri biex jimplementaw il-prinċipji komuni maqbulin dwar il-flessigurtà billi fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma taġghom għall-2008 jipprovdu taqsira l-arranġamenti nazzjonali li jikkostitwixxu dawk il-prinċipji. Il-flessigurtà u s-sigurtà huma reċiprokament rinforzanti matul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja. F'dan il-kuntest, is-solidarjetà interġenerazzjonali għandha tkun ikkunsidrata fl-erba' komponenti kollha tal-flessigurtà. Jeħtieġ li tingħata attenzjoni kontinwa lill-impjiegi fost iż-żgħażaġh, u b'mod partikolari lit-transizzjoni mill-educazzjoni għall-impjieg fil-kuntest ta' l-implimentazzjoni tal-Patt Ewropew għaż-Żgħażaġħ. Għandha tingħata attenzjoni wkoll lill-impjieg ta' persuni b'diżabbiltà. Id-disponibbiltà u l-akkwistabbiltà tal-kura ta' kwalità tat-tfal għandhom jiżdiedu f'konformità mal-miri nazzjonali u Komunitarji. Għandhom jitwettqu sforzi biex jiġi rikonċiljat ix-xogħol mal-ħajja privata u familjari kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel, jitnaqqsu sostanzjalment id-differenzi bejn il-pagi ta' l-irġiel u n-nisa u biex ikun implimentat il-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi. L-Alleanza Ewropea għall-Familji tista' tikkontribwixxi wkoll għall-kisba ta' dawn il-miri.

BIDLA FIL-KLIMA U ENERĠIJA

17. Is-sena li għaddiet l-UE għamlet impenji sodi u ambizzjużi dwar il-politika dwar il-klima u l-enerġija; issa, fl-2008, l-isfida hija li dawn l-impenji jissarrfu f'azzjoni. F'Diċembru tas-sena l-oħra l-Konferenza ta' Bali dwar il-Klima kellha suċċess importanti u nidiet proċess ta' negozjar internazzjonali inklussiv imniżżel b'mod sħiħ fil-programm ta' Bali. L-UE hija impenjata li żżomm it-tmexxija internazzjonali dwar il-bidla fil-klima u l-enerġija u li żżomm il-momentum tan-negozjati dwar il-Konvenzjoni Kwadru tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla fil-Klima u l-Protokoll tagħha ta' Kjoto b'mod partikolari matul il-Konferenza tal-partijiet li jmiss f'Poznań. L-oġġettiv huwa li jkun assigurat ftehim ambizzjuż, globali u komprensiv għal wara l-2012 dwar il-bidla fil-klima f'Kopenhagen fl-2009 li huwa konsistenti ma' l-oġġettiv ta' 2oC ta' l-UE. Billi tikseb riżultati fuq il-miri stabbiliti mill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa ta' l-2007, l-UE ser tagħmel kontribut kbir għal dan l-oġġettiv. Sfida ewlenija ser tkun li jiġi żgurat li din it-transizzjoni lejn ekonomija sigura u sostenibbli b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju tiġi ttrattata b'mod li huwa konsistenti ma' l-iżvilupp sostenibbli, il-kompetittività, is-sigurtà tal-provvista, is-sigurtà ta' l-ikel, finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli u koeżjoni ekonomika u soċjali ta' l-UE. L-UE tipproponi li tikkontribwixxi għal sforz ta' livell għoli aċċellerat u miftiehem b'appoġġ għall-Konvenzjoni Kwadru tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla fil-Klima u l-Pjan ta' Azzjoni ta' Bali, biex tiġi żviluppata arkitettura koerenti u konsistenti għal ftehim post-2012 li jiżgura flussi akbar finanzjarji u ta' investiment kemm għall-mitigazzjoni kif ukoll għall-adattament. B'kont meħud li l-enerġija u l-klima huma parti integrali mill-Istrateġija ta' Lisbona din ser tikkontribwixxi pożittivament ukoll għat-twessigħ ta' l-oġġettivi dwar it-ktabbir u l-impjiegi.

18. Il-pakkett ambizzjuż ta' proposti propost mill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2007 jipprovdi punt ta' tluq tajjeb u bażi għal ftehim. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli tappoġġa l-isforzi ta' l-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra permezz ta' linji politiċi u miżuri Komunitarji komprensivi u ambizzjużi. Deliberazzjonijiet komprensivi mill-Kunsill, f'bidma mill-qrib mal-Parlament Ewropew, għandhom jirriżultaw fi qbil dwar dawn il-proposti bħala pakkett koerenti qabel tmiem l-2008 u b'konsegwenza ta' dan jippermettu l-adozzjoni tagħhom fit-terminu leġislattiv attwali, l-aktar tard sal-bidu ta' l-2009. Fit-twettiq ta' dan, il-Kunsill għandu jżomm preżenti l-importanza li jinżamm bilanċ ġenerali matul il-pakkett intier u għandu jibbaża ħidmietu fuq il-prinċipji ta' trasparenza, l-effiċjenza ekonomika u l-kost-effettività, u l-ġustizzja u s-solidarjetà fit-tqassim ta' l-isforz bejn l-Istati Membri. Huwa għandu wkoll jieħu kont tal-punti ta' tluq differenti, taċ-ċirkostanzi u l-potenzjali kif ukoll tal-kisbiet milħuqin ta' l-Istati Membri, u jirrispetta l-hteġa għal tkabbir ekonomiku sostenibbli fil-Komunità kollha b'kontribut mis-setturi kollha. Għandu wkoll jiġi segwit mod kost-effettiv u flessibbli meta jiġu żviluppati strumenti bbażati għas-suq biex jintlaħqu l-oġettivi tal-politika dwar l-enerġija u l-klima, sabiex jiġu evitati spejjeż eċċessivi għall-Istati Membri. Iż-żieda għall-mira ta' tnaqqis ta' 30% aktar ambizzjuża bħala parti minn qbil globali u komprensiv jeħteġ li tkun espliċitament inkluża u b'mod ibbilanċjat, trasparenti u ekwu, b'kont meħud tal-ħidma skond l-ewwel perijodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto.
19. Il-Kunsill Ewropew jirrikonoxxi li f'kundest globali tas-swieq kompetittivi, ir-riskju ta' ħruġ mhux intenzjonat tal-karbonju huwa ta' tħassib f'ċerti setturi bħal industriji b'konsum intensiv ta' enerġija li huma partikolarment esposti għall-kompetizzjoni internazzjonali u dan jeħteġ li jiġi analizzat u indirizzat b'urġenza fid-Direttiva l-ġdida dwar l-iskema ta' l-UE għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet (ETS) biex jekk in-negozjati internazzjonali jfallu, jistgħu jittieħdu l-miżuri adatti. Ftehim internazzjonali jibqa l-aħjar mod biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni.

20. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja li l-UE ETS tiffurma parti essenzjali minn politika integrata dwar il-klima u l-enerġija u jirrikonoxxi l-importanza ta' limitu uniku ETS mifruq ma' l-UE kollha u ta' trajettorja għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet. Id-Direttiva riveduta għandha ttejjeb il-kost-effettività tat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet meħtieġa u għandha tippermetti li ssir rabta bejn l-UE ETS u sistemi obbligatori ta' skambju ta' kwoti ta' l-emissjonijiet oħrajn li jillimitaw l-emissjonijiet assoluti u s-saħħaħ l-użu tal-mekkaniżmi ta' flessibilità li jirriżultaw minn proġetti implimentati f'pajjiżi terzi. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja wkoll il-meħtieġa għall-flessibilità fil-kisba ta' miri nazzjonali mhux ta' l-ETS u miri għall-enerġiji rinnovabbli f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni adottat mill-Kunsill Ewropew f'Marzu 2007 u jisħaq dwar l-importanza ta' skemi ta' appoġġ nazzjonali effettivi għall-enerġiji rinnovabbli u mekkaniżmu ta' flessibilità effettiv ibbażat fuq garanziji ta' oriġini kif kien issuġġerit mill-Kummissjoni u jisħaq dwar il-meħtieġa li l-politika dwar l-enerġija Komunitarja u ta' l-Istati Membri żżid l-effiċjenza fl-enerġija u s-sigurtà tal-provvista bħala elementi ewlenin għall-kisba tal-politika integrata ta' l-UE dwar il-klima u l-enerġija u żvilupp ekonomiku sostenibbli.
21. Il-Kunsill Ewropew ifakkar li l-oġettiv li jiġi propost qafas regolatorju dwar il-qbid u l-ħżin tal-karbonju (CCS) huwa li jiġi żgurat li din it-teknoloġija ġdida tintuża b'mod ambjentalment sigur, li ser jintwera permezz ta' proġetti, kif miftiehem fir-Rebbiegħa 2007.
22. Waqt li tintlaħaq il-mira ambizzjuża għall-użu tal-bijokarburanti huwa essenzjali li jkunu żviluppati u li jintlaħqu kriterji ta' sostenibilità effettivi biex tkun żgurata d-disponibilità kummerċjali ta' bijokarburanti tat-tieni ġenerazzjoni, li fil-futur jistgħu wkoll jiġu kkunsidrati għall-użu ta' forom oħrajn ta' biomassa għall-enerġija f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2007.
23. Huwa neċessarju li jinkisbu sinerġiji akbar bejn il-linji ta' politika dwar il-bidla fil-klima u l-bijodiversità bħala mezz biex jiġu żgurati l-ko-benefiċċji, b'mod partikolari bit-tisħiħ ta' attivitajiet u miżuri li huma ta' appoġġ reċiproku rigward il-mitigazzjoni u l-adattament tal-bidla fil-klima u għall-produzzjoni, għall-konsum ta' u għall-kummerċ fil-bijokarburanti. Il-Kunsill Ewropew jinkoraġġixxi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex isaħħu l-isforzi tagħhom biex jitwaqqaf it-telf tal-bijodiversità sa l-2010 u lil hinn. Id-Disa' Konferenza tal-Partijiet għas-CBD (Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika) f'Mejju 2008 f'Bonn u l-implimentazzjoni sħiħa tan-netwerk Natura 2000 huma passi essenzjali lejn l-ilħiq ta' dan l-oġettiv.

24. Suq intern ta' l-enerġija effettiv, li jaħdem bis-sħiħ u interkonness huwa kondizzjoni essenzjali għal provvista ta' enerġija sigura, sostenibbli u kompetittiva fl-Ewropa. Għalhekk il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lill-Kunsill biex jibni fuq il-progress reċenti dwar it-tielet pakkett tas-suq intern għall-gass u l-elettriku sabiex jintlaħaq qbil politiku sa Ġunju 2008, filwaqt li jittieħed kont sħiħ tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2007. Huwa jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu kont tas-sitwazzjoni u l-ħtiġiet ta' swieq ta' l-enerġija żgħar jew iżolati fl-iżvilupp ulterjuri ta' dawn il-linji politiċi.
25. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fl-importanza li huwa jagħti lit-titjib tas-sigurtà ta' l-enerġija ta' l-UE u l-Istati Membri tagħha. Filwaqt li azzjoni dwar il-bidla fil-klima u l-enerġija, is-suq intern ta' l-enerġija u t-teknoloġiji l-ġodda kollha jikkontribwixxu għal dan l-oġettiv, għandha ssir ħidma vigoruża biex tiġi żviluppata aktar id-dimensjoni esterna tal-Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa 2007-2009. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress li nkiseb f'dan ir-rigward, kif inniżżel fir-rapport dwar is-sitwazzjoni attwali ppreżentat lill-Kunsill (dok. 6778/08) u ser iwettaq valutazzjoni aktar komprensiva tal-progress dwar l-implimentazzjoni u dwar aktar azzjonijiet meħtieġa fid-dawl ta' l-Analiżi Strateġika dwar l-Enerġija li jmiss li għandha tiġi ppreżentata f'Novembru 2008 u endorsjata mill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2009 u li ser isservi bħala bażi għall-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Enerġija ġdid mill-2010 'il quddiem li għandu jiġi adottat mill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa ta' l-2010. Din l-Analiżi Strateġika dwar l-Enerġija ser tiffoka b'mod partikolari fuq is-sigurtà tal-provvista, inkluż rigward l-interkonnetturi, u l-politika esterna dwar l-enerġija. Il-Kunsill Ewropew jorbot importanza partikolari ma' li l-UE u l-Istati Membri tagħha jikkellmu b'vuċi waħda ma' partijiet terzi dwar kwistjonijiet rigward l-enerġija.
26. Il-Kunsill Ewropew jilqa' r-rapport konġunt mir-Rappreżentant Għoli u mill-Kummissjoni dwar l-impatt tal-bidla fil-klima fuq is-sigurtà internazzjonali. Huwa jissottolinja l-importanza ta' din il-kwistjoni, u jistieden lill-Kunsill biex jeżamina d-dokument u biex jippreżenta rakkomandazzjonijiet dwar azzjoni ta' segwitu adatta, b'mod partikolari, dwar kif tkun intensifikata l-kooperazzjoni ma' pajjiżi u reġjuni terzi rigward l-impatt tal-bidla fil-klima fuq is-sigurtà internazzjonali l-aktar tard sa Diċembru 2008.

27. It-transizzjoni lejn ekonomija sigura u sostenibbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju ser ikollha impatt fuq diversi linji politiċi u fuq il-ħajja ekonomika u ta' kuljum taċ-ċittadini. Linji politiċi koerenti li jisfruttaw is-sinerġiji relatati ma' l-enerġija u l-bidla fil-klima huma wkoll meħtieġa fit-tliet oqsma ta' prijorità l-oħrajn ta' l-Istrateġija ta' Lisbona kif ukoll foqasma ta' politika oħrajn ta' l-UE, inkluż:
- l-iżvilupp ta' linji politiċi koerenti tar-R&Ż u ta' l-innovazzjoni fil-livell Ewropew u f'dak nazzjonali;
 - ir-rilaxx tal-potenzjal kummerċjali ta' l-eko-industriji u l-iżvilupp ta' politika industrijali sostenibbli u swieq pilota sostenibbli u globalment kompetittivi, filwaqt li jittieħed kont ta' l-impatt tal-miżuri ta' l-Enerġija u l-Bidla fil-klima fuq il-kompetittività;
 - il-promozzjoni ta' sistema sostenibbli tat-trasport li tippermetti lill-Istati Membri, fil-qafas tal-linji politiċi ta' l-UE, biex jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ikun miġġieled b'mod effettiv il-bidla fil-klima;
 - il-konsiderazzjoni ta' reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija biex din tingħieb aktar konformi ma' l-oġġettivi ta' l-UE fir-rigward ta' l-enerġija u l-bidla fil-klima;
 - it-titjib ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija u r-riżorsi fis-setturi kollha;
 - l-ġħoti ta' informazzjoni lill-konsumatur dwar l-użu effiċjenti ta' l-enerġija sabiex ikunu ttrattati l-impatti soċjali u l-oportunitajiet ta' l-Enerġija u l-Bidla fil-klima.

Il-Kunsill Ewropew jistieden ukoll lill-Kummissjoni, meta tressaq il-proposti legiſlatti tagħha dwar ir-rati tal-VAT, li huma mistennija fis-sajf ta' l-2008, u f'ħidma ma' l-Istati Membri, biex teżamina l-oqsma fejn l-istrumenti ekonomiċi, inklużi r-rati tal-VAT, jista' jkollhom rwol fiż-żieda ta' l-użu ta' oġġetti effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija u materjali li jiffrankaw l-enerġija.

28. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-ħtieġa għal investiment sostnut fir-riċerka u l-iżvilupp u għal adozzjoni attiva ta' teknoloġiji ġodda fl-enerġija, kif imqassar reċentement fil-Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija ta' l-Enerġija ppreżentat mill-Kummissjoni.
29. Il-Kunsill Ewropew jirrikonoxxi li l-indirizzar ta' l-enerġija u l-bidla fil-klima hija kwistjoni wkoll ta' trawwim ta' valuri u tibdil fl-imġiba taċ-ċittadini. Għalhekk huwa jhegġegħ lill-gvernijiet nazzjonali u l-istituzzjonijiet Ewropej biex jagħtu eżempju billi jagħmlu progress sostanzjali lejn it-tnaqqis ta' l-użu ta' l-enerġija fil-binjiet u l-flotti tal-karozzi tagħhom.

L-ISTABILITÀ TAS-SWIEQ FINANZJARJI

30. Il-Kunsill Ewropew jendorsja r-rapport interim mill-Kunsill (ECOFIN) dwar l-istabbiltà tas-suq finanzjarju. Waqt li l-kondizzjonijiet fis-sistema finanzjarja internazzjonali jibqgħu fraġli, diġà seħħew xi aġġustamenti bħala segwitu tat-taqlib fis-swieq finanzjarji mill-ħarifa li għaddiet hekk kif il-Bank Ċentrali Ewropew, l-awtoritajiet nazzjonali u ta' l-UE u l-istituzzjonijiet finanzjarji aġixxew biex jistabbilizzaw is-sitwazzjoni.
31. Żvelar immedjat u komplet ta' espożizzjonijiet għal assi f'diffikultà u vetturi li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ u/jew ta' telf minn banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn huwa essenzjali. Huwa meħtieġ titjib fil-qafas prudenzjali u fil-ġestjoni tar-riskju ta' istituzzjonijiet individwali, f'ambjent ta' innovazzjoni finanzjarja kostanti li ħareġ għad-dawl sfidi ġodda għall-prevenzjoni tal-kriżijiet u għas-superviżjoni finanzjarja fil-livell nazzjonali, ta' l-UE u globali.
32. Bi tweġiba għat-taqlib, il-Kunsill Ewropew jaqbel li filwaqt li r-responsabbiltà primarja hija tas-settur privat, l-awtoritajiet fl-UE huwa lesti li jieħdu azzjonijiet regolatorji u superviżorji fejn meħtieġ. L-azzjoni ta' politika għandha tiffoka fuq erba' oqsma:
- it-tisħiħ tat-trasparenza għall-investituri, għas-swieq u għar-regolaturi, b'mod partikolari dwar l-espożizzjoni ta' prodotti strutturati u vetturi li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ;
 - it-titjib ta' l-istandards ta' valutazzjoni, b'mod partikolari għal assi non-likwidi;
 - ir-rinforzar tal-qafas prudenzjali u tal-ġestjoni tar-riskju fis-settur finanzjarju, permezz ta' reviżjoni ta' numru ta' oqsma tad-Direttiva dwar il-Ħtiġiet ta' Kapital (CRD), u t-tisħiħ tal-ġestjoni tar-riskju ta' likwidità. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tkompli bil-konsultazzjonijiet u biex tressaq il-proposta tagħha sa Settembru 2008 u jissottolinja l-importanza li jsir sforz għal qbil bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni sa April 2009 dwar il-bidliet regolatorji neċessarji; u
 - it-titjib tal-funzjonament tas-suq u l-istruttura ta' l-inċentivi, inkluż ir-rwol ta' l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu fejn l-UE hija lesta li tikkunsidra alternattivi regolatorji jekk il-parteciġanti fis-suq ma jindirizzawx malajr dawn il-kwistjonijiet.

33. It-taqlib attwali enfasizza l-ħtieġa għal aktar tisħiħ ta' l-qafas ta' stabbiltà finanzjarja, permezz ta' superviżjoni prudenzjali msaħħa u għodda mtejbja għall-ġestjoni tal-kriżijiet finanzjarji. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill (ECOFIN) jimplimenta malajr u kompletament il-programm ta' ħidma miftiehem fil-Ħarifa 2007; dan jinkludi aktar progress fir-Rebbiegħa 2008 dwar:
- is-superviżjoni finanzjarja, fejn il-kwistjonijiet prinċipali jinkludu titjib lejn u l-konverġenza ta' regoli u standards superviżorji prinċipali; il-konverġenza ta' rappurtar regolatorju/finanzjarju, bil-ħsieb tas-sorveljanza ta' gruppi transkonfini; il-kjarifika tar-relazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali-ospitanti li tirrifletti b'mod adegwat il-kompetenzi u r-responsabbiltajiet tagħhom, inkluż l-iskambju bilanċjat ta' informazzjoni; ir-rwol tal-kulleġġi tas-superviżuri u t-titjib tal-funzjonament tal-Kumitati Superviżorji; u li tkun ikkunsidrata l-inklużjoni ta' dimensjoni ta' l-UE fil-mandati ta' superviżuri nazzjonali biex ikunu ffaċilitati l-konverġenza u l-kooperazzjoni;
 - il-ġestjoni ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi finanzjarja transkonfinali, l-għodda u l-proċeduri għandhom jissaħħu u, bħala l-ewwel pass, hu mistenni li fir-Rebbiegħa 2008 jiġi ffirmat Memorandum ta' Ftehim dwar kooperazzjoni transkonfinali bejn il-partijiet rilevanti. Abbażi ta' aktar ħidma sa nofs l-2008, il-Kunsill għandu wkoll jifli l-funzjonament ta' l-iskemi ta' garanzija tad-depożiti.
34. Barra minn hekk, għandhom jissaħħu sistemi ta' twissija minn kmieni fil-livell ta' UE u internazzjonali, inkluż permezz tat-tisħiħ tar-rwol tal-FMI fis-superviżjoni ta' l-istabbiltà makro-ekonomika. Dwar il-kwistjonijiet rigward l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji, l-UE għandha taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab internazzjonali tagħha fil-fora rilevanti.
35. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill ikompli jagħti prijorità għolja lil dawn il-kwistjonijiet fix-xhur li ġejjin, b'reviżjoni maġġura tal-progress f'April 2008, u biex jissorvelja mill-qrib is-sitwazzjoni sabiex jirreaġixxi malajr għal żviluppi negattivi possibbli. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' jiddiskuti dawn il-kwistjonijiet kif meħtieġ u l-aktar tard fil-Ħarifa 2008.

36. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Fondi ta' Investimenti Sovrani (SWFs). L-Unjoni Ewropea hija impenjata lejn ambjent ta' investiment globali miftuħ ibbażat fuq il-moviment libertu tal-kapital u l-funzjonament effettiv tas-swieq kapitali globali. Is-SWFs sa issa kellhom rwol utli ħafna bħala fornituri ta' kapital u likwidità b'perspettiva ta' investiment għat-tul. Madankollu, il-ħolqien ta' atturi ġodda bi trasparenza limitata dwar l-istrateġija u l-oġettivi ta' investiment tagħhom qajjem xi tħassib rigward prattiċi mhux-kummerċjali potenzjali. Id-demarkazzjoni bejn l-SWF u entitajiet oħrajn mhux dejjem hija ċara. Il-Kunsill Ewropew jaqbel dwar il-hteġa ta' approċċ Ewropew komuni li jieħu kont tal-prerogattivi nazzjonali, f'konformità mal-ħames prinċipji proposti mill-Kummissjoni, jiġifieri: impenn għal ambjent ta' investiment miftuħ; appoġġ għall-ħidma li għaddejja fl-IMF u l-OECD; użu ta' strumenti nazzjonali u ta' l-UE jekk meħtieġ; rispettt għall-obbligi li ġejjin mit-Trattat KE u l-impenji internazzjonali; proporzjonalità u trasparenza. Il-Kunsill Ewropew jappoġġa l-oġettiv li jsir ftehim fil-livell internazzjonali dwar Kodiċi ta' Kondotta volontarju għas-SWF u d-definizzjoni ta' prinċipji għall-pajjiżi riċevituri fil-livell internazzjonali. L-UE għandha timmira li tagħti kontribut koordinat għal dan id-dibattitu li għaddej, u tistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill ikomplu l-ħidma f'din id-direzzjoni.
-

DIKJARAZZJONI DWAR "PROĊESS TA' BARĊELLONA: UNJONI GĦALL-MEDITERRAN"

Il-Kunsill Ewropew approva l-prinċipju ta' Unjoni għall-Mediterran li ser tinkludi l-Istati Membri ta' l-UE u l-istati kostali Mediterranji mhux membri ta' l-UE. Hu stieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta lill-Kunsill il-proposti meħtieġa għad-definizzjoni tal-modalitajiet ta' dak li ser jissejjaħ "Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran" bil-ħsieb tas-Summit li ser isir f'Pariġi fit-13 ta' Lulju 2008.

LISTA TA' DOKUMENTI PPREŻENTATI LILL-KUNSILL EWROPEW

STRATEĠIJA TA' LISBONA GĦAT-TKABBIR U L-IMPJIEGI

Linji Gwida Ġenerali għall-Politika Ekonomika
- Rapport mill-ECOFIN lill-Kunsill Ewropew
7280/08

Rakkomandazzjonijiet Integrati Speċifiċi għall-Pajjiż
- Rapport mill-Kunsill lill-Kunsill Ewropew
7275/08

Dokument dwar kwistjonijiet prinċipali - kontribut mill-Kunsill Kompetittività
6933/08

Messaġġi prinċipali lill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa fl-oqsma ta' l-Edukazzjoni/it-Taħriġ u ż-Żgħażaġħ
6445/08

Messaġġi ewlenin mill-Kunsill EPSCO
7171/08

Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2007/2008
7169/08

Linji Gwida għal Linji Poliċi dwar l-Impjiegi ta' l-Istati Membri
7170/08

Rapport Konġunt dwar il-Protezzjoni Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali 2008
7274/08

Opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-impjiegi tal-kategoriji ta' prijorità (Strateġija ta' Lisbona)
SOC/251 - CESE 997/2007

Risoluzzjoni tal-Komitat tar-Reġjuni li għandha tiġi ppreżentata lill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2008: L-istrateġija għall-impjiegi u t-tkabbir - l-ittrattar tal-paradoss ta' Lisbona
CdR 331/2007

BIDLA FIL-KLIMA U ENERĠIJA

Komunikazzjoni dwar Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija ta' l-Enerġija (Pjan SET)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill
6326/1/08

Kontribut mill-Kunsill Ambjent għall-Kunsill Ewropew
7251/08

Il-bidla fil-klima u s-sigurtà internazzjonali
- Rapport mill-Kummissjoni u s-Segretarju-Ġenerali/Rappreżentant Għoli
7249/08

STABBILTÀ TAS-SWIEQ FINANZJARJI

Dokument dwar kwistjonijiet prinċipali - kontribut mill-Kunsill ECOFIN
6408/08

Stabbiltà tas-swieq finanzjarji
- Rapport dwar l-eżitu tad-diskussjonijiet fil-Kunsill Ecofin ta' l-4 ta' Marzu 2008
7304/08

Fondi ta' Investimenti Sovrani
- Rapport dwar l-eżitu tad-diskussjonijiet fil-Kunsill Ecofin ta' l-4 ta' Marzu 2008
7302/08

MIXXELLANJI

Abbozz ta' rapport dwar il-progress ta' l-Unjoni Ewropea fl-2007
7233/08
